



# **Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali (DESI)**

Rapport tal-Pajjiż għall-2019

**Malta**

---

## **Dwar id-DESI**

---

*Il-Kummissjoni Ewropea ilha tissorvelja l-kompetittività diġitali tal-Istati Membri bir-rapporti tal-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali (DESI) mill-2015. Is-sett ta' rapporti jinkludi kemm il-profil tal-pajjiż kif ukoll il-kapitoli tematiċi.*

*Ir-rapporti tal-pajjiżi tad-DESI jgħaqqdu evidenza kwantitattiva mill-indikaturi tad-DESI tul il-ħames dimensjonijiet tal-indiċi, mal-għarfien politiku u l-aħjar prattiki speċifiċi għall-pajjiż . Kapitulu fil-fond dwar it-telekomunikazzjonijiet huwa mehmuż mar-rapporti għal kull Stat Membru.*

*Il-kapitoli tematiċi jippreżentaw analiżi fil-livell Ewropew tal-konnettività tal-broadband, il-ħiliet diġitali, l-użu tal-internet, id-diġitalizzazzjoni tan-negozji, is-servizzi pubbliċi diġitali, is-settur tal-ICT u l-infiq tiegħu fir-riċerka u l-iżvilupp, u l-użu tal-fondi tal-Orizzont 2020 mill-Istati Membri.*

*Biex tittejjeb il-metodoloġija u jitqiesu l-aħħar żviluppi teknoloġiċi, saru għadd ta' bidliet lid-DESI għall-2019. ID-DESI issa jkopri:*

- *Il-livell ta' tnejn għall-5G,*
- *Ħiliet diġitali ogħla mil-livell bażiku,*
- *Tal-inqas ħiliet bażiċi tas-software,*
- *Speċjalisti Nisa fl-ICT,*
- *Gradwati fl-ICT,*
- *Persuni li qatt ma użaw l-Internet,*
- *Netwerks soċjali professjonali,*
- *Segwiment ta' kors online,*
- *Konsultazzjonijiet u votazzjoni online,*
- *Individwi li jbigħu online,*
- *Big data,*
- *Skambju ta' data medika u*
- *Riċetti elettroniċi.*


*Id-DESI ġie kkalkulat mill-ġdid għall-pajjiżi kollha għas-snin preċedenti biex jirrifletti l-bidliet ta' hawn fuq fl-għażla tal-indikaturi u l-korrezzjonijiet tad-data sottostanti. Għalhekk, il-punteġġi u l-klassifikazzjonijiet tal-pajjiżi jista' jkun li nbidlu meta mqabbla ma' pubblikazzjonijiet preċedenti.*

*Għal aktar tagħrif, jekk jogħġbok, żur is-sit web tad-DESI: <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/desi>.*

# Ħarsa ġenerali lejn Malta

	Malta		UE
	klassifikazzjoni	punteġġ	punteġġ
<b>DESI 2019</b>	<b>10</b>	<b>58.1</b>	<b>52.5</b>
DESI 2018	10	56.6	49.8
DESI 2017	8	55.0	46.9

Klassifikazzjoni tal-2019 tal-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali (DESI)



Malta tinsab fl-10 post mit-28 Stat Membru tal-UE fl-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali (DESI) għall-2019. Matul dawn l-aħħar ftit snin, il-punteġġ tagħha żdied b'pass kemxejn aktar kajman mill-medja tal-UE.



Malta tinsab f'pożizzjoni aħjar mill-medja tal-UE f'erbgħa mill-ħames dimensjonijiet tal-indiċi. Malta tibqa' fuq quddiem nett fl-Ewropa fid-disponibbiltà ta' broadband fiss (bażiku, veloċi u ultra veloċi), u hija l-uniku Stat Membru b'kopertura sħiħa ta' networks veloċi ħafna. Hija tmur tajjeb fil-Kapital uman, l-aktar minħabba li għandha numru kbir ta' gradwati fl-ICT. L-utenti tal-internet Maltin jikklassifikaw partikolarment tajjeb fil-konsultazzjonijiet u l-votazzjoni online. In-negozji Maltin jikklassifikaw l-ewwel fl-użu tal-big data. Madankollu, Malta tikklassifika taħt il-medja fis-Servizzi pubbliċi diġitali. Għalkemm hija fuq quddiem nett fil-provvista tas-servizzi tal-gvern elettroniku, għadha lura fl-użu tal-gvern elettroniku u anki fis-saħħa elettronika. It-titjib ulterjuri tal-ħiliet diġitali huwa sfida, vitali wkoll biex tittejjeb l-Integrazzjoni tat-teknoloġiji diġitali fl-intrapriżi.

L-Istrateġija għal Malta Diġitali<sup>1</sup> tnediet fl-2014. Dan huwa dokument ta' politika li jiggwida l-pajjiż lejn il-viżjoni għall-2020 fejn "Malta se tiffjorixxi bħala nazzjon diġitali fis-setturi kollha tas-soċjetà". L-istrateġija tippreżenta 71 azzjoni taħt tliet temi strateġiċi, jiġifieri, in-Negozju Diġitali, il-Gvern Diġitali

<sup>1</sup> <https://digitalmalta.org.mt/en/Pages/Home.aspx>


u ċ-Ċittadin Diġitali. Dawn il-pilastru strateġiċi vertikali huma appoġġati minn tliet xpruni ewlenin, jiġifieri (a) ir-regolamentazzjoni u l-leġiżlazzjoni, (b) l-infrastruttura u (c) il-kapital uman. Fl-2017, l-Awtorità Maltija tal-Komunikazzjoni (MCA) ħejjiet aġġornament tal-Istrateġija għall-2018-2020.

Il-kisbiet ewlenin fl-2018 jinkludu strateġija komprensiva dwar il-blockchain, it-tnedija tal-Laboratorju tat-Teknoloġiji Emerġenti, il-Programm taċ-Ċentru ta' Innovazzjoni, strateġija ġdida u diversi inizjattivi dwar il-ħiliet diġitali, żviluppi ulterjuri tas-servizzi mobbli tal-gvern elettroniku u l-programm tal-Gvern Elettroniku Konness.



# 1 Konnettività

1 Konnettività	Malta		UE punteġġ
	klassifikazzjoni	punteġġ	
DESI 2019	7	65.9	59.3
DESI 2018	6	64.3	54.8
DESI 2017	6	59.3	51.2



	DESI 2017 valur	DESI 2018 valur	Malta DESI 2019		UE DESI 2019 valur
			valur	klassifikazzjoni	
<b>1a1 Kopertura tal-broadband fiss</b> % tal-unitajiet domestiċi	100 % 2016	100 % 2017	100 % 2018	1	97 % 2018
<b>1a2 Użu tal-broadband fiss</b> % tal-unitajiet domestiċi	79 % 2016	83 % 2017	83 % 2018	7	77 % 2018
<b>1b1 Kopertura 4G</b> % tal-unitajiet domestiċi (medja tal-operatori)	99 % 2016	99 % 2017	83 % <sup>2</sup> 2018	26	94 % 2018
<b>1b2 Użu tal-broadband mobbli</b> Abbonamenti kull 100 persuna	65 2016	88 2017	97 2018	12	96 2018
<b>1b3 Livell ta' tħejjija għall-5G</b> Spettru assenjat bħala % tal-ispettru għall-5G armonizzat totali	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	0 % 2018	13	14 % 2018
<b>1c1 Kopertura tal-broadband veloċi (NGA)</b> % tal-unitajiet domestiċi	>99.5 % 2016	>99.5 % 2017	>99.5 % 2018	1	83 % 2018
<b>1c2 Użu tal-broadband veloċi</b> % tal-unitajiet domestiċi	47 % 2016	53 % 2017	69 % 2018	2	41 % 2018
<b>1d1 Kopertura tal-broadband ultra veloċi</b> % tal-unitajiet domestiċi	Mhux applikabbli	>99.5 % 2017	>99.5 % 2018	1	60 % 2018
<b>1d2 Użu tal-broadband ultra veloċi</b> % tal-unitajiet domestiċi	3 % 2016	11 % 2017	23 % 2018	13	20 % 2017
<b>1e1 Indiċi tal-prezz tal-broadband</b> Punteġġ (0 sa 100)	Mhux applikabbli 2016	Mhux applikabbli 2017	Mhux applikabbli 2018		87 2017

B'punteġġ ta' konnettività globali ta' 65.9, Malta tinsab fis-seba' post fost l-Istati Membri fir-rigward tal-konnettività, wara li niżlet post meta mqabbel mad-DESI għall-2018. Malta tmur l-aħjar fit-tliet indikaturi ta' kopertura kollha (fissi, veloċi –NGA- u ultra veloċi) bi kważi 100 % tal-unitajiet domestiċi koperti. L-użu tal-broadband fiss (83 %) baqa' stabbli u huwa wkoll ogħla mill-medja tal-UE li hija 77 %. Ġie rreġistrat tkabbir sinifikanti fl-użu tal-broadband mobbli (minn 88 abbonament għal kull 100 persuna fl-2017, għal 97 fl-2018), u fl-użu tal-broadband ultra veloċi (minn 11 % tad-djar abbonati għal >=100 Mbps fl-2017, għal 23 % fl-2018).

L-awtorità regolatorja nazzjonali Maltija, l-MCA, mistennija tnedi konsultazzjoni dwar l-Istrateġija Nazzjonali tal-Broadband il-ġdida fl-2019. L-istrateġija għandha twitti t-triq għall-futur tal-broadband

<sup>2</sup> Il-kopertura 4G tkejjel il-kopertura medja ta' dawk l-operatori mobbli li jipprovdu servizzi 4G. F'Malta, operatur terz beda s-servizzi 4G fl-2018, li kkawża bidla 'l isfel fil-kopertura medja tal-4G.


fiss u mobbli f'Malta inkluż l-istabbiliment ta' "direżżjoni għall-użu" tal-5G. Sadanittant, l-MCA qed tiegħu numru ta' inizjattivi mmexxija mid-domanda bħall-proġett tal-WiFi B'Xejn tal-MCA, li għandu l-għan li jxerred il-hotspots tal-WiFi b'mod estensiv fil-gżejjer Maltin. Bħalissa hemm aktar minn 420 hotspot tal-WiFi b'xejn madwar Malta u Għawdex, b'kampanji li jippromwovu l-użu tal-smartphone bħala għodda għall-produktività fl-inizjattivi tal-kummerċ elettroniku u tat-taħriġ. Biex tittejjeb il-konnettività internazzjonali, l-MCA nediet il-proċess rilevanti ta' għajjnuna mill-istat fil-livell nazzjonali biex tistabbilixxi programm ta' inċentivi li jsostni l-investiment f'kejbils sottomarini. Malta bħalissa tinsab fil-proċess li timplimenta l-pjanijiet tal-gvern ta' EUR 700 miljun biex jittejjbu t-toroq kollha fi żmien seba' snin, u għalhekk il-gżira qed tara numru kbir ta' proġetti infrastrutturali kbar f'diversi lokalitajiet. Filwaqt li din tirrappreżenta opportunità tajba għall-operaturi biex jagħtu spinta lill-kompetizzjoni infrastrutturali, din tkun evitata min-nuqqas ta' punt uniku ta' informazzjoni li jaħdem sew u minn immappjar komplet tal-infrastrutturi eżistenti kkawżati minn implimentazzjoni parzjali biss tad-Direttiva dwar it-Tnaqqis tal-Ispiża.

F'Malta, għall-broadband mingħajr fili, għie assenjat 30 % mit-total tal-ispettru ta' 2090 MHz armonizzat fil-livell tal-UE. F'Ġunju 2018, l-MCA adottat pjan direzzjonali għall-medda ta' frekwenza ultra għolja (UHF) bejn 470-790 MHz, li jstipula l-inizjattivi ewlenin u l-miri li jikkonċernaw id-disponibbiltà tal-medda ta' 700 MHz għall-provvista ta' broadband mingħajr fili (WBB). Malta talbet l-assistenza tal-Kummissjoni biex tindirizza kwistjonijiet ta' koordinazzjoni tal-ispettru mhux solvuti ma' pajjiż mhux tal-UE. Barra minn hekk, l-MCA bħalissa qed taħdem biex tiżviluppa l-qafas tal-ispettru rilevanti għall-liċenzjar tal-ispettru tar-radju fil-medda ta' 3.6 GHz u 26 GHz. Fir-rigward tal-provi tal-5G, matul l-2018, l-MCA rċeviet applikazzjoni minn Huawei Technologies u tat liċenzja ta' prova. Din il-liċenzja ta' prova ppermettiet lil Huawei Technologies tagħmel dimostrazzjoni tat-tagħmir tan-network 5G tagħha matul perjodu ta' 5 ijiem. Filwaqt li xi operaturi mobbli rrappurtaw li qed jużaw network lest għall-5G, fil-preżent l-ebda wiegħed mill-operaturi mobbli ewlenin ta' Malta ma esprimu interess partikolari fl-użu tal-5G, parzjalment minħabba l-investimenti sinifikanti li saru dan l-aħħar fl-introduzzjoni tal-4.5G, li b'riżultat tagħhom, il-biċċa l-kbira tat-territorju issa huwa kopert b'servizzi 4.5G.

Malta tmur sew fil-konnettività tal-broadband. Hija kklassifikata l-ewwel fl-indikaturi kollha tal-kopertura tal-broadband fiss tad-DESI u b'hekk tikseb l-għanijiet tal-kopertura tal-broadband Ewropew. Malta kieku tibbenefika jekk tiffoka issa biex twitti t-triq għall-użu tal-5G, u tipproċedi malajr bl-aġġornament tal-Pjan Nazzjonali tal-Broadband, u tqiegħed għad-dispożizzjoni l-medda pijunieri għal użu effettiv sal-2020.

## 2 Kapital uman

2 Kapital uman	Malta		UE punteġġ
	klassifikazzjoni	punteġġ	
DESI 2019	9	55.0	48.0
DESI 2018	8	57.3	47.6
DESI 2017	7	57.1	45.4



	Malta			UE DESI 2019 klassifikazzjoni	UE DESI 2019 valur
	DESI 2017 valur	DESI 2018 valur	DESI 2019 valur		
<b>2A1 Tal-inqas ħiliet diġitali bażiċi</b> % tal-individwi	50 % 2016	57 % 2017	57 % 2017	14	57 % 2017
<b>2a2 Ħiliet diġitali oġhla mil-livell bażiku</b> % tal-individwi	32 % 2016	39 % 2017	39 % 2017	7	31 % 2017
<b>2a3 Tal-inqas ħiliet tas-softwer bażiċi</b> % tal-individwi	52 % 2016	57 % 2017	57 % 2017	15	60 % 2017
<b>2b1 Speċjalisti fl-ICT</b> % tal-impjegji totali	3.8 % 2015	3.9 % 2016	4.3 % 2017	11	3.7 % 2017
<b>2b2 Speċjalisti Nisa fl-ICT</b> % tal-impjegji tan-nisa	1.7 % 2015	1.2 % 2016	1.1 % 2017	17	1.4 % 2017
<b>2b3 Gradwati fl-ICT</b> % tal-gradwati	9.6 % 2014	8.5 % 2015	6.8 % 2016	3	3.5 % 2015

Fid-dimensjoni tal-Kapital uman, Malta tinsab fid-disa' post fost il-pajjiżi tal-UE, jiġifieri 'l fuq mill-medja tal-UE. Malta turi stampa mħallta fejn jidħlu l-ħiliet tal-utenti tal-internet. 39 % għandhom ħiliet diġitali oġhla mil-livell bażiku meta mqabbla mal-31 % biss fl-UE, iżda Malta tinsab taħt il-medja fil-ħiliet tas-softwer. Il-perċentwal ta' speċjalisti fl-ICT jirrappreżenta proporzjon relattivament għoli tal-forza tax-xogħol (4.3 % meta mqabbel mat-3.7 % fl-UE). Malta tinsab minn ta' quddiem nett f'termini ta' speċjalisti fl-ICT (6.8 % tal-gradwati kollha).

Dan l-aħħar Malta żviluppat strateġija nazzjonali tal-ħiliet elettroniċi li tkopri numru kbir ta' oqsma. Il-pajjiż se jstabbilixxi kumitat konsultattiv nazzjonali dwar il-ħiliet diġitali u se jstabbilixxi referenza ċentrali dwar it-teknoloġiji emerġenti u abilitanti. Hija prijorità li jitkompla l-finanzjament sabieħ jettejbu t-tagħlim u l-gwida fl-ICT fil-livell lokali. Id-diġitalizzazzjoni fl-edukazzjoni se tkun appoġġata wkoll mit-tfassil mill-ġdid tal-kurrikuli edukattivi kollha u l-implimentazzjoni ta' għodod ta' awtovalutazzjoni bbażati fl-UE fis-settur edukattiv. Il-kollaborazzjoni sostnuta tal-industrija hija kruċjali għat-tnejn ta' sett ta' għodod għall-iżvilupp professjonali kontinwu (CPD) ibbażat fuq l-industrija biex jiġu pprovduti korsijiet speċifiċi ta' ċiklu qasir għall-industrija. L-istrateġija għandha wkoll l-għan li tbiddel il-punt fokali taż-żgħażaġħ minn attitudni tal-konsumatur għal użu iktar parteċipattiv tat-teknoloġija, kif ukoll li tnaqqas id-distakk diġitali fis-soċjetà. L-implimentazzjoni tal-istrateġija nazzjonali dwar il-ħiliet elettroniċi se tibda fl-2019.

Malta wettqet bosta miżuri biex ittejjeb il-ħiliet diġitali, li fihom il-Fondazzjoni eSkills Malta kellha rwol ewlieni. Il-fondazzjoni organizzat il-Programm ta' Espożizzjoni tal-Karrieri għall-istudenti tal-iskola sekondarja b'kollaborazzjoni mal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol li joffri apprendistat

ta' ġimgħa f'diversi kumpaniji jew dipartimenti tal-ICT. Malta nediet kurrikulu ġdid tal-ICT fl-iskejjel sekondarji li jimmodernizza kemm it-tagħlim kif ukoll il-kontenut. L-Aġenzija tat-Teknoloġija tal-Informatika ta' Malta kompliet il-Programm ta' Kollokament tal-Istudenti (Student Placement Programme), li permezz tiegħu l-istudenti ta' l-livell terzjarju huma sponsorjati biex jaħdmu fl-industrija tal-ICT għax-xhur tas-sajf ħalli jiksbu aktar għarfien u esperjenza f'dan il-qasam.

Malta għandha Koalizzjoni Nazzjonali għall-Ħiliet Diġitali, li l-membri tagħha jinkludu l-Aġenzija tat-Teknoloġija tal-Informatika ta' Malta (MITA), l-Awtorità Maltija tal-Komunikazzjoni (MCA), il-Malta Enterprise, il-Malta Gaming Authority (MGA), Il-Kamra tal-Kummerċ ta' Malta u l-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol. Il-koalizzjoni wettqet diversi inizjattivi bħall-kampanji ta' għarfien dwar il-ħiliet diġitali u l-professjoni tal-IT, l-organizzazzjoni tal-PingFin 9, avveniment FinTech pan-Ewropew u l-korsijiet fil-qafas tal-kompetenza elettronika. Il-koalizzjoni kienet waħda mill-atturi ewlenin għall-Avveniment Million Dollar Idea, kompetizzjoni għan-negozji ġodda organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Istudenti tal-ICT biex jiġu żviluppjati l-ħiliet intraprenditorjali filwaqt li jinbnew mudelli ta' negozju realistiċi.

Malta pparteċipat b'mod attiv ħafna fil-Ġimgħa Ewropea tal-Ikkowdjar fl-2018. Hija kklassifikat l-ewwel fin-numru ta' avvenimenti per capita. Fiha pparteċipaw aktar minn 80 % tal-iskejjel, aktar minn 6 000 għalliem u 28 000 student.

Malta tippromwovi l-parteċipazzjoni tan-nisa fl-ekonomija u fis-soċjetà diġitali. Fl-2018, ġie stabbilit sottogrupp espert ta' nisa fl-ICT fi ħdan il-Fondazzjoni eSkills Malta biex jiġu diskussi kwistjonijiet u jitmexxew proġetti u inizjattivi speċifiċi mill-membri tal-grupp. Malta nediet linji gwida għaż-żieda u ż-żamma tan-nisa fl-ICT, immirati għall-industrija u l-organizzazzjonijiet relatati mal-ICT. Il-gvern, permezz tal-fondazzjoni, jikkollabora ma' partijiet ikkonċernati fit-teknoloġija biex jittellgħu avvenimenti speċifiċi relatati mal-ħiliet diġitali għan-nisa, bħal Digigirlz ma' Microsoft u Code like a Girl ma' Vodafone.

Huwa essenzjali li Malta tkompli bl-isforzi tagħha biex ittejjeb aktar il-ħiliet tal-utenti tal-internet fost il-pubbliku ġenerali kif ukoll il-ħiliet professjonali tal-ICT.

#### **Inizjattiva Ewlenija għall-2019: Ċavetta Diġitali**

*Ċavetta Diġitali* hija inizjattiva konġunta tal-Awtorità Maltija tal-Komunikazzjoni (MCA) u s-Segretarju Parlamentari Għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva (PSDAA) fi ħdan il-Ministeru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali (MFSS).


Il-proġett jipprovdi taħriġ fl-ICT lil dawk li għandhom aktar minn 55 sena. S'issa kien hemm żewġ fażijiet. Fl-ewwel fażi ġie pprovdut taħriġ lill-membri li jattendu ċ-ċentri ta' matul il-ġurnata, filwaqt li t-tieni fażi ffukat aktar fuq l-anzjani fil-komunità.

Il-kors jikkonsisti f'erba' sessjonijiet ta' saġhtejn kull waħda, li jsiru kull ġimgħa, biex jippromwovu l-użu tas-servizzi bażiċi fuq l-internet. Jiffoka fuq kif għandu jsir użu effettiv tal-pjattaformi u l-għodod tal-komunikazzjoni li jintużaw normalment: l-istabbiliment ta' kont tal-email, l-użu ta' YouTube, Skype u faċilitajiet tal-magna tat-tiftix, kif ukoll xiri online.



### 3 Użu tas-servizzi tal-internet

3 Użu tas-servizzi tal-internet	Malta		UE
	klassifikazzjoni	punteġġ	punteġġ
DESI 2019	8	60.6	53.4
DESI 2018	8	58.6	50.7
DESI 2017	8	53.5	47.8




	Malta			UE
	DESI 2017	DESI 2018	DESI 2019	DESI 2019
	valur	valur	valur	klassifikazzjoni
<b>3a1 Persuni li qatt ma użaw l-Internet</b> % tal-individwi	21 % 2016	18 % 2017	17 % 2018	21 2018
<b>3a2 Utenti tal-Internet</b> % tal-individwi	77 % 2016	80 % 2017	80 % 2018	16 2018
<b>3b1 Aħbarijiet</b> % tal-utenti tal-internet	79 % 2016	83 % 2017	83 % 2017	12 2017
<b>3b2 Mużika, vidjos u logħob</b> % tal-utenti tal-internet	90 % 2016	90 % 2016	88 % 2018	5 2018
<b>3b3 Video on demand</b> % tal-utenti tal-internet	26 % 2016	26 % 2016	47 % 2018	7 2018
<b>3b4 Telefonati bil-vidjo</b> % tal-utenti tal-internet	49 % 2016	56 % 2017	59 % 2018	10 2018
<b>3b5 Networks soċjali</b> % tal-utenti tal-internet	82 % 2016	87 % 2017	85 % 2018	3 2018
<b>3b6 Networks soċjali professjonali</b> % tal-utenti tal-internet	23 % 2015	17 % 2017	17 % 2017	9 2017
<b>3b7 Segwiment ta' kors online</b> % tal-utenti tal-internet	4 % 2016	8 % 2017	8 % 2017	12 2017
<b>3b8 Konsultazzjonijiet u votazzjoni online</b> % tal-utenti tal-internet	16 % 2015	22 % 2017	22 % 2017	2 2017
<b>3c1 Servizzi bankarji</b> % tal-utenti tal-internet	60 % 2016	62 % 2017	62 % 2018	16 2018
<b>3c2 Xiri</b> % tal-utenti tal-internet	63 % 2016	64 % 2017	66 % 2018	15 2018
<b>3c3 Bejgħ online</b> % tal-utenti tal-internet	27 % 2016	36 % 2017	36 % 2018	2 2018

B'mod ġenerali, Malta tinsab fit-tmien post fl-Użu tas-servizzi tal-internet miċ-ċittadini, jiġifieri 'l fuq mill-medja tal-UE. 80 % tal-popolazzjoni tuża l-internet mill-inqas darba fil-ġimgħa, meta mqabbla mat-83 % fl-UE. L-utenti tal-internet Maltin jinvolvu ruħhom f'firxa wiesgħa ta' attivitajiet online. 88 % tal-utenti tal-internet idoqqu l-mużika, jaraw il-vidjos u jilagħbu l-logħob (81 % fl-UE), 85 % użaw il-midja soċjali (it-tielet l-oġhla rata fl-Ewropa; il-medja tal-UE hija 65 %) u 83 % jaqraw l-aħbarijiet online (72 % fl-UE). Malta għandha prestazzjoni aħjar mill-medja tal-UE anke fil-video on demand (47 %) u fit-twertji ta' telefonati bil-vidjo (49 %). 22 % ipparteċipaw f'konsultazzjonijiet jew votazzjoni online - it-tieni l-oġhla ċifra fl-UE. Madankollu, Malta għandha prestazzjoni medja fir-rigward tas-servizzi tranżazzjonali bħas-servizzi bankarji elettroniċi u x-xiri online. 66 % tal-utenti tal-internet jixtru online u 62 % jużaw is-servizzi bankarji online. L-utenti tal-internet Maltin huma attivi ħafna fil-bejgħ online.

## 4 Integrazzjoni tat-teknoloġija diġitali

4 Integrazzjoni tat-teknoloġija diġitali	Malta		UE punteġġ
	klassifikazzjoni	punteġġ	
DESI 2019	9	48.7	41.1
DESI 2018	10	42.4	39.6
DESI 2017	8	44.1	37.6



	Malta			UE
	DESI 2017	DESI 2018	DESI 2019	DESI 2019
	valur	valur	valur	klassifikazzjoni
<b>4a1 Kondiviżjoni tal-informazzjoni elettronika</b>	<b>30 %</b>	<b>29 %</b>	<b>29 %</b>	<b>18</b>
% tal-impriżi	2015	2017	2017	2017
<b>4a2 Midja soċjali</b>	<b>27 %</b>	<b>26 %</b>	<b>26 %</b>	<b>8</b>
% tal-impriżi	2016	2017	2017	2017
<b>4a3 Big data</b>	<b>19 %</b>	<b>19 %</b>	<b>24 %</b>	<b>1</b>
% tal-impriżi	2016	2016	2018	2018
<b>4a4 Cloud</b>	<b>14 %</b>	<b>Mhux applikabbli</b>	<b>22 %</b>	<b>9</b>
% tal-impriżi	2016	2017	2018	2018
<b>4b1 SMEs li jbigħu online</b>	<b>18 %</b>	<b>15 %</b>	<b>20 %</b>	<b>7</b>
% tal-SMEs	2016	2017	2018	2018
<b>4b2 Qligħ mill-Kummerċ elettroniku</b>	<b>6 %</b>	<b>6 %</b>	<b>Mhux applikabbli</b>	<b>10 %</b>
% tal-qliġħ tal-SMEs	2016	2017	2018	2018
<b>4b3 Bejgħ transfruntier online</b>	<b>12 %</b>	<b>9 %</b>	<b>9 %</b>	<b>10</b>
% tal-SMEs	2015	2017	2017	2017

Malta tmur aħjar mill-medja tal-UE fl-Użu tat-teknoloġiji diġitali mill-intrapriżi, u tinsab fid-disa' post. In-negozji Maltin huma b'saħħithom ħafna fl-użu tal-analitika tal-big data (24 %, jiġifieri l-oġġla rata fl-UE), il-midja soċjali (26 %; il-medja tal-UE hija 21 %) u anki l-cloud computing (22 %; 18 % fl-UE); madankollu, il-Kondiviżjoni tal-Informazzjoni Elettronika tinsab taħt il-medja b' 29 %. Fil-kummerċ elettroniku, 20 % tal-SMEs ibigħu online, u l-kummerċ elettroniku jirrappreżenta 6 % tal-qliġħ tal-SMEs. Il-bejgħ transfruntier online mill-SMEs huwa kemxejn oġġla mill-medja tal-UE. Skont l-Indiċi tal-Intensità Diġitali<sup>3</sup>, 29 % biss tal-kumpaniji f'Malta għandhom livell baxx ħafna ta' diġitalizzazzjoni (46 % fl-UE), u 32 % huma diġitalizzati ħafna (18 % fl-UE).

Malta għandha l-intenzjoni li ssir il-“Gżira tal-Blockchain”. Fl-2018, ġie adottat pakkett leġiżlattiv li jinkludi tliet atti legali biex jirregola l-użu tat-teknoloġiji tar-reġistru distribwit (DLT). Dan il-qafas ikopri l-assi finanzjarji virtwali, inklużi l-kriptoaluti u l-arranġamenti u s-servizzi tat-teknoloġija innovattiva. Huwa jstabilixxi wkoll l-Awtorità Maltija għall-Innovazzjoni Diġitali (MDIA). Din hija l-awtorità ewlenija responsabbli mill-promozzjoni tal-politiki governattivi kollha li jipromwovu lil Malta bħala ċentru ta' eċċellenza fl-innovazzjoni teknoloġika, filwaqt li tistabilixxi u tinforza

<sup>3</sup> Sors: Tabella ta' valutazzjoni diġitali, <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/digital-scoreboard>

standards li jiżguraw konformità ma' kwalunkwe obbligu internazzjonali ieħor. L-awtorità tfittex li tipproteġi u tappoġġa lill-utenti kollha u tinkoraġġixxi wkoll it-tipi kollha ta' innovazzjonijiet, billi tippermetti flessibilità massima fiċ-ċertifikazzjoni tal-Arranġamenti tat-Teknoloġija Innovattiva. L-awtorità bdiet il-proċess ta' konsultazzjoni biex tibda tirreġistra l-fornituri tas-servizzi u l-applikazzjonijiet tal-blockchain. Malta ffirmat ukoll id-Dikjarazzjoni li toħloq is-Sħubija Ewropea tal-Blockchain (EBP) u tikkoopera fl-istabbiliment ta' Infrastruttura Ewropea tas-Servizzi tal-Blockchain (EBSI) biex tappoġġa l-forniment tas-servizzi pubbliċi diġitali transfruntiera, bl-ogħla standards ta' sigurtà u privatezza.

Il-gvern bħalissa qed jivvaluta l-opportunitajiet fl-intelliġenza artifiċjali (IA) bl-għan li jiddefinixxi strateġija nazzjonali. Qed imexxi djalogu mal-partijiet ikkonċernati biex jibni għarfien dwar is-suġġetti u l-kwistjonijiet ewlenin li se jkunu ta' importanza għall-qafas olistiku nazzjonali tal-IA. Huwa janalizza l-impatt tal-IA fit-tiżni tal-ekonomija diġitali u qed jippjana li jibni qafas ta' politika għall-IA etikament allinjata, trasparenti u soċjalment responsabbli f'konformità mal-istrateġija Ewropea għall-IA. Malta ffirmat ukoll id-Dikjarazzjoni ta' Kooperazzjoni dwar l-Intelliġenza Artifiċjali.

Fir-rigward tal-computing bi prestazzjoni għolja, Malta bħalissa qed issegwi l-iżviluppi bħala osservatur fl-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew (EuroHPC JU) stabbilita riċentement.


L-Aġenzija tat-Teknoloġija tal-Informatika ta' Malta (MITA) tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-integrazzjoni tat-teknoloġiji diġitali min-negozji. Din tmexxi programm aċċelleratur li jipprovdi l-għoti ta' flus kontanti ta' preavvjament u servizzi konsultattivi b'valur ta' EUR 30 000 għal negozji teknoloġiċi ġodda li għadhom fi stadju bikri b'idea ta' negozju bbażata fuq it-teknoloġiji emerġenti. Fl-2018, il-MITA appoġġat 12-il negozju ġdid, li sebgħa minnhom kienu bbażati fuq il-blockchain, filwaqt li l-oħrajn kienu jiffukaw fuq l-internet tal-oġġetti, ir-realtà awmentata, it-teknoloġija mobbli, il-kummerċ elettroniku u l-big data. Il-MITA torganizza wkoll diversi avvenimenti bħal laqgħat u sessjonijiet ta' ħidma għall-komunità lokali ta' negozji teknoloġiċi ġodda.

F'Ottubru 2018, il-MITA nediet il-Laboratorju tat-Teknoloġiji Emerġenti, li se jkun disponibbli għall-impjegati tal-MITA, l-impjegati tal-gvern, l-istudenti u n-negozji l-ġodda biex jesploraw it-teknoloġiji emerġenti, u jikkondividu l-għarfien miksub u l-benefiċċji li joffru dawn it-teknoloġiji. It-tagħmir diġà disponibbli fil-laboratorju jinkludi numru ta' headsets tar-realtà virtwali u mħallta, headsets tar-realtà awmentata, stampatur 3D u numru ta' kompjuters b'saħħithom li jistgħu jintużaw għas-sistemi tal-blockchain u għall-estrazzjoni tal-kriptoaluti. Il-laboratorju se jorganizza avvenimenti biex jiffamiljarizza lill-parteċipanti mal-użi possibbli ta' dawn it-teknoloġiji.

Minbarra l-promozzjoni tat-teknoloġiji emerġenti, għandha ssir ukoll enfasi qawwija fuq iż-żieda tal-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali maturi, bħall-kondiviżjoni tal-informazzjoni elettronika, speċjalment fost l-SMEs.

## 5 Servizzi pubbliċi diġitali

5 Servizzi pubbliċi diġitali	Malta		UE punteġġ
	klassifikazzjoni	punteġġ	
DESI 2019	16	60.2	62.9
DESI 2018	14	59.7	57.9
DESI 2017	10	60.1	54.0



	Malta				UE
	DESI 2017	DESI 2018	DESI 2019		DESI 2019
	valur	valur	valur	klassifikazzjoni	valur
<b>5a1 Utenti tal-Gvern elettroniku</b> <small>% tal-utenti tal-internet li kellhom jissottomettu formoli</small>	60 %	48 %	50 %	24	64 %
	2016	2017	2018		2018
<b>5a2 Formoli mimlija minn qabel</b> <small>Punteġġ (0 sa 100)</small>	98	100	100	1	58
	2016	2017	2018		2018
<b>5a3 Tlestija tas-servizzi online</b> <small>Punteġġ (0 sa 100)</small>	100	100	100	1	87
	2016	2017	2018		2018
<b>5a4 Servizzi pubbliċi diġitali għan-negozji</b> <small>Punteġġ (0 sa 100) - inklużi dawk domestiċi u transfruntiera</small>	94	94	94	6	85
	2016	2017	2018		2018
<b>5a5 Data miftuħa</b> <small>% tal-punteġġ massimu</small>	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	19 %	28	64 %
			2018		2018
<b>5b1 Servizzi tas-Saħħa elettronika</b> <small>% tal-individwi</small>	Mhux applikabbli	6 %	6 %	28	18 %
		2017	2017		2017
<b>5b2 Skambju tad-data medika</b> <small>% tat-tobba tal-familja</small>	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	24 %	21	43 %
			2018		2018
<b>5b3 Riċetta elettronika</b> <small>% tat-tobba tal-familja</small>	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	6 %	28	50 %
			2018		2018

Malta tinsab fis-16-il post fis-Servizzi pubbliċi diġitali, jiġifieri taħt il-medja tal-UE. Madankollu, tinsab fuq quddiem nett fl-Ewropa fil-forniment tas-servizzi tal-Gvern għaċ-ċittadini. Tinsab l-ewwel fl-użu mill-ġdid tal-informazzjoni fl-amministrazzjonijiet biex il-ħajjet iċ-ċittadini tkun aktar faċli (Formoli mimlija minn qabel) kif ukoll fis-sofistikazzjoni tas-servizzi (Tlestija tas-servizzi online); għaż-żewġ indikaturi għandha l-oġġla punteġġ. Il-pajjiż għandu wkoll punteġġ tajjeb fis-servizzi pubbliċi online għan-negozji. Madankollu, l-użu tal-gvern elettroniku u s-saħħa elettronika miċ-ċittadini għadu baxx. Barra minn hekk, Malta hija fost l-Istati Membri bl-aġġar prestazzjoni fid-*data* miftuħa, ir-riċetti elettroniċi u l-iskambju tad-*data* medika bejn it-tabib tal-familja u l-isptarijiet.

Biex timmodernizza l-infrastruttura tal-ICT fl-amministrazzjoni pubblika tagħha, fl-2017 Malta nediet il-programm tal-Gvern Elettroniku Konness (CONVERGE), proġett ta' EUR 40 miljun kofinanzjat mill-UE. Il-proġett jinkludi l-iżvilupp ta' infrastruttura ibrida fuq cloud li tippermetti l-forniment awtomatiku u l-awtomatizzazzjoni ulterjuri tas-servizzi u l-istabbiliment ta' pjattaforma ġdida li tippermetti servizzi bbażati fuq il-fluss tax-xogħol konnessi mas-sistemi back-end tal-gvern. Se jimmodernizza wkoll bosta sistemi ta' informazzjoni tal-passat u se jgħin fl-implimentazzjoni ta' saff tal-infrastruttura tad-*data* (inkluż portal tad-*data* nazzjonali) u soluzzjoni għall-immaniġġjar tal-identità. Malta komplet ukoll ittejjeb l-offerta tas-servizzi tal-gvern elettroniku mobbli.

Is-Saħħa elettronika tibqa' qasam ta' sfida f'Malta, fejn hemm livell baxx fl-adozzjoni tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni kemm miċ-ċittadini kif ukoll mit-tobba tal-familja.